MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 92/2001/1

**REĠISTRATUR TAL-QORTI**

**vs**

**Carmelo *sive* Charles ELLUL**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Jannar, 2001, li bih l-attur ippremetta:

1. Illi din il-Qorti kkonfermat il-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 869/2000 fl-ismijiet Philomena Ellul vs Carmelo sive Charles Ellul numru 522/00GC, deċiż 14 ta' Lulju, 2000 – (Dokumenti "A" u "AA");

2. Illi b'dan il-mandat il-konvenut ġie inibit milli, *inter alia*, jidħol u jokkupa l-fond, villa bla isem u bla numru, f'High Ridge, Madliena;

3. Illi b'rikors tas-16 ta' Novembru, 2000, Philomena Ellul esponiet illi l-konvenut daħal jabita fil-villa in kwistjoni kontra l-ordni espressa tal-mandat *de quo*, u rrilevat illi dan jikkostitwixxi att ta' disprezz kontinwu għall-awtorita' tal-Qorti, u talbet li din il-Qorti jogħgobha tieħu l-passi kollha meħtieġa għal dan l-iskop a tenur ta' l-artiklu 1003A tal-Kap. 12 – *vide* atti fl-ismijiet *ibidem*, numru 869/00GC, deċiż 16 ta' Jannar, 2001 (Dokument "B");

4. Illi fis-16 ta' Jannar, 2001, din il-Qorti laqgħet it-talbiet kollha ta' Philomena Ellul u ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati biex minnufih jipproċedi kontra l-konvenut għad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti a tenur ta' l-artiklu 1003A tal-Kap. 12 (Dokument "C");

5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

i. issib lill-konvenut ħati ta' disprezz kontra l-awtorita' tagħha skond l-artikolu 997 tal-Kap. 12;

ii. Tikkundanna lill-konvenut għall-pieni indikati fl-istess artikolu;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa wkoll inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fid-19 ta' Frar, 2001, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi fl-aġir ta' l-eċċipjent ma ġietx rriavvizata dik il-kontumalja lejn l-Awtorita' tal-Qorti li tista' tiġi kwalifikata bħala disprezz fit-termini tal-liġi. Fil-fatt, l-eċċipjent ma

ezerċita l-ebda dritt ta' arbitriju jew sfidanti kontra d-dettam tad-diġriet li jistgħu għalhekk jirrenduh ħati ta' disprezz;

2. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tinvestiga mhux biss jekk tali disprezz kienx jezisti, izda ukoll kemm kien munit bl-intenzjoni li tiġi oltreggjata l-Awtorita' tal-Qorti, u l-gravita' ta' tali oltragg;

3. Illi bla pregudizzju għall-premess jingħad illi l-eċċipjent ma ġiex strettament prekluz milli jabita fil-fond izda biss li jezerċita xi jedd esklussiv fuq l-istess fond;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet inklużi dawk imressqin bil-meżż tal-affidavit;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-8 t'Ottubru, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***IKKUNSIDRAT:***

Illi din hija azzjoni dwar disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. L-attur ressaq din il-kawża kontra l-imħarrek wara li kien sar rikors fis-16 ta' Novembru, 2000, minn mart l-istess imħarrek[1] biex titlob li jittieħdu proċeduri kontra żewġha dwar ksur min-naħa tiegħu ta' ordni tal-Qorti mogħtija b'degriet tal-13 ta' Marzu, 2000[2], u konfermata fl-14 ta' Lulju 2000[3]. L-ordni li dwaru infetħet din il-kawża kien

[1] Ara Dok. "B" , f'paġġ 11–12 tal-proċess
[2] Dok "A" f'paġġ. 5-8 tal-proċess
[3] Dok "AA", f'paġġ. 8-10 tal-proċess

wieħed li, fost l-oħrajn, kien iżomm lill-imħarrek "milli jidħol jew jokkupa" l-fond fi stat ta' kostruzzjoni fit-Triq Burġi, High Ridge, Madliena, li jagħmel parti mill-għalqa magħrufa bħala 'tas-Sriedaq'. L-ordni biex tinbeda din il-kawża ngħata bil-mezz ta' degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-16 ta' Jannar, 2001[4];

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi nsista li huwa ma għamel xejn li permezz tiegħu jista' jitqies li sfida xi ordni tal-Qorti jew wera nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' tagħha. Minbarra dan huwa żied jgħid li qatt ma ngħatat xi ordni fil-konfront tiegħu biex hu ma jgħixx fl-imsemmi post, imma biss ordni li hu waħdu ma jżommx pussess esklussiv fuq dak il-fond;

Illi l-fatti li joħorgu mill-atti tal-proċess u dawk imsemmija fl-atti tar-rikors numru 869/00 għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, jirriżulta li fit-13 ta' Marzu, 2000, Filomena Ellul talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra żewġha Charles Ellul, l-imħarrek f'din il-kawża. Dik it-talba intlaqet mill-Qorti b'degriet kamerali dakinhar stess. Illi b'rikors imressaq minnu fl-20 ta' Marzu, 2000, l-intimat Charles Ellul talab lill-Qorti tħassar dik l-ordni. It-talba ġiet miċħuda. Fl-20 ta' Lulju, 2000, Charles Ellul reġa' talab it-tħassir *contrario imperio* tad-degriet tal-14 ta' Lulju 2000 li bih il-mandat kien ġie konfermat. Din it-talba ġiet miċħuda fis-27 ta' Lulju 2000. Wara li kien tressaq ir-rikors minn Filomena Ellul fis-16 ta' Novembru, 2000, u tressqet ir-risposta ta' żewgha, il-Qorti tat id-degriet tagħha fis-16 ta' Jannar 2001 li bih ordnat lir-Registratur tal-Qorti biex jiftaħ proċeduri għad-disprezz kontra Charles Ellul u kif ukoll biex tordnalu biex joħroġ mill-imsemmi fond fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa mill-għoti ta' dak id-degriet. Fit-22 ta' Jannar 2001 infetħet din il-kawża;

Illi rriżulta wkoll li l-imsemmi Charles Ellul kien daħal fi ftehim ta' kiri ta' post fi Triq San Publiju, San Pawl tat-Tarġa fil-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 1999[5], u dan għal żmien ta' sitt (6) xhur. Illi jidher li fil-15 ta' Jannar, 2001[6],

[4] Dok. "Ċ" f'paġġ 13 -15 tal-proċess
[5] Dok. 3 paġni 25 – 26 tal-atti tar-Rikors Nru. 522/00GC relattiv għall-mandat ta' inibizzjoni 869/00
[6] Xiehda bl-affidavit ta' Margaret Borg Dok. MB paġ. 47 tal-proċess

Charles Ellul daħal fi ftehim ieħor ta' kiri ta' xi post x'imkien f'San Ġwann b'effett mill-15 ta' Jannar sa' l-aħħar ta' Lulju, 2001[7]. B'ittra legali tat-8 ta' Frar 2001 mibgħuta mill-avukat tiegħu lill-avukat ta' Filomena Ellul[8], l-istess Charles Ellul iddikjara li ma kienx qed jgħix fil-post ta' High Ridge li, madankollu, kienu qegħdin jgħixu fih uliedu u li ma daħalx fih lanqas meta waħda mit-tfal kienet marida;

Illi meta xehdet Filomena Ellul[9] hija qalet li bejn l-14 ta' Lulju, 2000, u s-16 ta' Novembru, 2000, hija rat lill-imħarrek jidħol fil-post tal-Madliena. Fissret ukoll kif, minbarra dak li rat hi, kienet qabbdet tnejn min-nies biex jgħassu lill-imħarrek dwar dan ukoll. F'waħda mill-okkażjonijiet fejn kienet hi prezenti quddiem id-dar, tgħid illi saħansitra żammet lil żewġha milli jipprova jidħol fid-dar. Fl-aħħar semmiet ċirkostanza fejn ċemplet in-numru tat-telefon ta' dak il-post u weġibha żewġha;

Illi min-naħa tiegħu l-imħarrek xehed[10] li ż-żewġ uliedu jgħixu miegħu. Huwa stqarr li wara li kien intalab joħroġ mill-post li kien kera f'San Pawl tat-Tarġa kien mar jgħix għal xi żmien fil-post tal-Madliena, filwaqt li jipprova jfittex xi post ieħor fejn seta' jitfa' rasu. Huwa fisser li din il-posizzjoni kompliet anke wara li nħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni u kien ipprova jfisser iċ-ċirkostanzi li kien sab ruħu fihom lill-Imħallef li quddiemu kien ressaq ir-rikors għat-tħassir *contrario imperio* tad-degriet li ordna l-ħruġ ta' l-istess Mandat. Żied jgħid li eventwalment sab jikri post f'San Ġwann li ma kienx kbir biżżejjed biex fih imorru jgħixu miegħu uliedu li baqgħu jabitaw fil-post tal-Madliena. L-imħarrek semma wkoll li fil-post tal-Madliena hemm xi mkien li fih tinżamm maħżuna xi merkanzija tal-kumpanija CEF Trading Company Limited. Xehed ukoll illi huwa qed jidħol fl-ambjenti t'isfel tal-post tal-Madliena biex ikun jista' jieħu ħsieb il-ħtiġijiet kollha ta' uliedu li baqgħu jgħixu hemm. Meta sarlu l-kontro-eżami, l-imħarrek stqarr li kien għamel parti miż-żmien bejn it-13 ta' Marzu, 2000 u s-16 ta'Novembru ta' l-istess sena jgħix fl-appartament ta' taħt fil-post tal-Madliena. Stqarr ukoll li f'dak iż-żmien kien

[7] Dok. CE1 paġni 34 – 36 u Dok. MB1 paġ. 48 - 50 tal-proċess
[8] Paġna 25 tal-proċess
[9] Xiehda tagħha 30.5.2001 paġni 38 – 42 tal-proċess
[10] Xiehda tiegħu tal-11.10.2001 paġni 39 – 43 tal-proċess

jidħol ukoll fil-*basement* ta' l-istess post biex jirtira l-merkanzija tal-kumpannija. Aktar tard ċaħad illi għex fl-appartament bejn Marzu u Ottubru tas-sena, 2000, iżda tenna li kien jidħol biss fil-post biex jirtira minnu oġġetti li kienu merfugħa fl-imħażen li hemm. Fl-aħħarnett huwa xehed li kien jaf xi tfisser l-ordni mogħtija mill-Qorti meta inħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kontrih u li kellu jikri post fejn imur jgħix għaliex, għalkemm hemm post ieħor f'San Pawl il-Baħar li jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u bejn martu, dan kien qed jitmexxa mill-mara tiegħu u hu ma kellux ċavetta biex jidħol fih;

Illi huwa meħtieġ li qabel xejn wieħed jgħarbel in-natura tal-proċedimenti għad-disprezz fis-sistema proċedurali Malti (safejn jikkonċerna l-eċċezzjonijiet taħt eżami);

Illi l-proċedura għal disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet lil xiħadd, kemm jekk biex dik il-persuna tagħmel xiħaġa, jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xiħaġa. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz għall-awtorita' li, bis-saħħa tagħha, dik l-ordni tkun ingħatat. Kif jgħallem Denning: *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt"*[11];

Illi, minbarra dan, xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ippruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u, b'konsegwenza ta' hekk, l-awtorita' tagħha;

Illi, madankollu, dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabilew il-Qrati tagħna,

[11] ***In Re Bramblevale Limited*** (1970)

ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi[12];

Illi, meħud f'dan id-dawl, il-proċediment tad-disprezz m'huwiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tiegħu, imma sanzjoni kontra min ikun ġab b'idejh u b'għemilu (jew bl-omissjoni tiegħu, skond il-każ) ksur ta' ordni mogħtija lilu. L-attur f'din il-kawża (u bil-proċedura illi tfasslet għal dan il-għan fl-1995) qiegħed huwa nnifsu jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri. L-attur m'għandu x'jirbaħ xejn b'tali proċeduri għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[13];

Illi fil-każ ta' allegat ksur ta' ordni mogħti fil-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, wieħed isib dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid x'għamla ta' sanzjoni jwassal miegħu l-ksur ta' ordni bħal dik[14]. Iżda dik is-sanzjoni tagħti rimedju lill-parti li favur tagħha jkun inħareġ il-Mandat, u għalhekk kull allegat ksur ta' dik l-ordni tagħti lok ukoll għat-tmexxija 'l quddiem ta' proeduri kif maħsuba fit-Titolu XVII tal-Kap 12;

Illi, kif ingħad aktar qabel, m'hemmx dubju li l-proċediment ta' disprezz huwa wieħed ta' natura penali[15], ukoll jekk jieħdu s-sura ta' proċeduri ċivili;

Illi dan iġib miegħu illi kull ma tgħid il-liġi dwar dan l-istitut għandu jitħares skond il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[16]. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa' b'analoġija, tixbieh jew teħid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-liġi. Kien minħabba f'hekk li l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995 stabilew min għandu jedd jibda tali proċeduri u f'liema ċirkostanza, wara żmien twil fejn kien dibattut

---

[12] Ara App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella*** (mhix pubblikata) u s-sentenzi hemm imsemmija

[13] P.A. **9.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)

[14] Ara art. 873(4) tal-Kap 12

[15] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)

[16] App. Ċiv. **8.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)

f'għadd ta' sentenzi l-problema tal-aġent leġittimu ta' proċeduri bħal dawn[17];

Illi l-liġi tfisser min għandu jibda proċeduri ta' disprezz fl-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12. F'dak l-artikolu persuna waħda għandha din is-setgħa u dik il-persuna m'hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet tagħha. Dik il-persuna waħdanija mogħtija s-setgħa li tibda tali proċeduri u li titqies bħala attur fihom hija r-Reġistratur tal-Qrati. Hemm modi kif persuna li tħoss li sar kontra tagħha għamil li jista' jitqies bħala wieħed li jikkwalifika bħala disprezz lejn il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur biex jibda l-proċeduri meħtieġa;

Illi, meqjusa fid-dawl tal-eċċezzjoni taħt eżami, dawn il-konsiderazzjonijiet dwar il-proċediment għad-disprezz juru li tali proċess jimxi indipendentement minn dak ċivili, u li l-għanijiet tiegħu jmorru lil hinn minn kull kwestjoni, ewlenija jew anċillari, li wieħed jistenna li sejrin ikunu meqjusin minn Qorti jew tribunal investit bis-smigħ tal-proċess ċivili;

Illi applikati dawn il-prinċipji għal fattispeċi ta' dan il-każ il-Qorti tasal biex tgħid illi l-mottivi li jwasslu persuna biex iġġib ruħha b'mod li jidher li qiegħed jisfida ordni ta' Qorti jistgħu biss ikollhom effett fuq l-apprezzament tal-"animus" tal-persuna mixlija b'disprezz. Dan jgħodd ukoll jekk il-mottiv li jġiegħel lil xiħadd jikser ordni ta' Qorti jkun wieħed li ta' min jissimpatiżża miegħu[18]. Huwa meħtieġ li jintwera li l-persuna li tkun kisret l-ordni ta' Qorti kienet tjaf li qegħda tagħmel hekk[19];

Illi minbarra dan ingħad ukoll li f'każijiet bħal dawk li jirrigwardaw il-ħruġ ta' Mandati ta' Inibizzjoni, l-interess soċjali u l-bwon ordni pubbliku jitolbu li ordnijiet bħal dawk tal-Qorti jiġu obduti u li kienu x'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-imħarrek biex aġixxa kontra dak l-ordni m'għandhomx ikunu raġuni tajba biex dak il-ksur jiġi skużat[20];

---

[17] Ara, per eżempju, P.A. **8.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Cutajar et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.705**)

[18] Ara Kumm. **20.8.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.iii.910**)

[19] Ara Kumm. Sentenza **9.1.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe vs Dowling*** (Kollez. Vol. **XXIX.iii. 207**)

[20] P.A. **14.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea noe vs Formosa*** (Kollez. Vol. **XXIX. ii.1023**)

Illi mill-provi illi tressqu fl-atti ta’ din il-kawża jirrizulta b’mod ċar u mhux kontestat illi l-imħarrek daħal iżjed minn darba fil-post imfisser b’dettal fir-rikors li abbazi tiegħu eventwalment ħareġ il-Mandat ta’ Inibizzjoni, u dan ukoll wara l-ħruġ tal-istess Mandat. Jekk wieħed kellu jħares ukoll lejn il-projbizzjoni l-oħra imsemmija fil-Mandat jiġifieri dik li huwa jiġi pprojbit “milli jdaħħal lil terzi fl-imsemmi beni immobbli jew parti minnha”, hawn jirriżulta wkoll li l-imħarrek naqas kontra l-ordni tal-Qorti meta ddikjara li lil uliedu daħħalhom jgħixu f’dak il-post wara li ntemmet il-kirja tal-post tan-Naxxar. Minbarra dan, l-imħarrek stqarr li daħal ukoll xi drabi oħra fil-post biex jirtira ħwejjeġ li kienu maħżuna hemm ġew u li għadu jidħol hemm biex jieħu ħsieb liż-żewġ uliedu li jgħixu fil-post. Iż-żmien tal-kirja li saret f’Ottubru 1999 jixħet ukoll dawl ċar fuq il-fatt li l-imħarrek tassew kien għamel xi żmien jokkupa l-post ukoll bħala dar fejn jgħix. Il-fatt illi huwa ressaq żewġ rikorsi f’Marzu u f’Lulju tas-sena 2000 biex jitlob it-tħassir tal-ordni tal-Mandat ma jnaqqsu xejn mill-effikaċja ta’ l-ordni mogħti mill-Qorti fit-13 ta’ Marzu 2000, għaliex dak l-ordni oriġinali ġie konfermat fiż-żewg okkażjonijiet;

Illi b’żieda ma’ dan ukoll, il-Qorti qegħda tqis ir-raġunament magħmul mill-Qorti kompetenti fid-degriet tagħha tas-16 ta’ Jannar, 2001, li ngħata wara li kienet semgħet lill-partijiet u għamlet apprezzament dirett tal-fatti li rriżultawlha. Fid-dawl ta’ dan kollu, din il-Qorti ma tarax li l-imħarrek ressaq raġunijiet tajbin biżżejjed fl-atti ta’ din il-kawża biex din il-Qorti titbiegħed mill-apprezzament magħmul mill-ġudikant fl-imsemmi degriet. Min-naħa l-oħra ssib li l-attur seħħlu jressaq provi tajbin biżżejjed biex isostni kemm il-fatt tal-ksur tal-ordni u kif ukoll il-fehma tal-imħarrek li dak li kien qiegħed jagħmel kien jaf li jmur kontra ordni bħal dak u li l-istess ordni kien jorbtu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara illi b’għemilu l-imħarrek kiser ripetutament l-ordni mogħtija lilu mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili bid-degriet tagħha tat-13 ta’ Marzu, 2000, fl-Atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru

869/2000, u b'hekk irrenda ruħu ħati ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha;

**Tilqa' t-tieni talba** u wara li rat l-Artikoli 997 tal-Kap. 12 u l-Art. 11(1) tal-Kap. 9 u wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tikkundanna lill-imħarrek iħallas multa ta' mitejn u ħamsin lira maltija (Lm250) minħabba l-għamil tiegħu;u

**Tikkundannah** iħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża.

---------------------------------TMIEM---------------------------------